Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1984/2003**

tat-8 ta' April 2003

li jintroduċi sistema għall-monitoraġġ ta' statistika tal-kummerċ fit- ►M1 ——————— ◄ pixxispad u tonn alalunga fi ħdan il-Komunità

(ĠU L 295, 13.11.2003, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament (UE) Nru 640/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010	L 194	1	24.7.2010

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1984/2003

tat-8 ta' April 2003

li jintroduċi sistema għall-monitoraġġ ta' statistika tal-kummerċ fit-►M1 ——————— ◄ pixxispad u tonn alalunga fi ħdan il-Komunità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Mill-14 ta' Novembru 1997, u wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE ([3]), il-Komunità saret Parti Kontraenti fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku ffirmat f'Rio de Janeiro fl-14 ta' Mejju 1966, kif emendata bill-Protokoll anness ma' l-Att Finali tal-Konferenza ta' Plenipotenzarji ta' l-Istati Partijiet tal-Konvenzjoni ffirmat fl-10 ta' Lulju 1984 (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni ICCAT").

(2) Il-Konvenzjoni ICCAT tipprovdi qafas ta' koperazzjoni reġjonali għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar ta' riservi ta' tonn u speċi jixbħu t-tonn fl-Oċean Atlantiku u l-ibħra fil-qrib permezz ta' l-istabbiliment ta' Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-"ICCAT", u l-adozzjoni min din ta' l-aħħar ta' miżuri ta' konservazzjoni li jkunu jorbtu lill-partijiet kontraenti.

(3) Bħala parti mill-miżuri biex jirregolaw ir-riservi tat-tonn alalunga u l-pixxispad, biex itejbu l-kwalità u l-kredibbiltà ta' data fl-istatistika u biex jikkontrollaw il-firxa ta' sajd illegali, l-ICCAT adottat rakkomandazzjonijiet dwar l-introduzzjoni ta' programmi dwar dokumenti ta' statistika għat-tonn alalunga u l-pixxispad ta' l-Atlantiku. Billi dawn ir-rakkomandazzjonijiet saru obbligatorji għall-Komunità, hemm bżonn li jiddaħħlu fis-seħħ.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE ([4]) approvat l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim dwar l-istabbiliment tal-Kummissjoni għat-Tonn ta' l-Oċean Indjan. Dan il-Ftehim joħloq qafas għat-tisħiħ tal-koperazzjoni internazzjonali bl-iskop tal-konservazzjoni u l-użu bis-sens tat-tonn u l-ispeċi relatati tiegħu fl-Oċean Indjan permezz ta' l-istabbiliment tal-Kummissjoni għat-Tonn ta' l-Oċean Indjan, hawnhekk iżjed 'il qiddiem imsejħa l-"IOTC" u l-adozzjoni minn din ta' l-aħħar ta' riżoluzzjonijiet dwar il-konservazzjoni u l-immaniġġjar taż-żona ta' kompetenza ta' l-IOTC li jsiru jorbtu lill-partijiet kontraenti.

([1]) ĠU C 331 E, tal-31.12.2002, pġ. 128.
([2]) Opinjoni tat-12 ta' Frar 2003 (għad mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 162, tat-18.06.1986, pġ. 33.
([4]) ĠU L 236, 05.10.1995, pġ. 24.

▼B

(5) L-IOTC adottat riżoluzzjoni li tistabbilixxi programm dwar dokumenti ta' statistika għat-tonn alalunga. Billi din ir-riżoluzzjoni saret obbligatorja għall-Komunità, hemm bżonn li tiddaħħal fis-seħħ.

(6) Ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjoni li jirrigwardaw programm dwar dokument ta' statistika għat-tonn aħmar li ġie adottat qabel mill-ICCAT ġew inkorporati fil-liġi tal-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 858/94 tat-12 ta' April 1994 li daħħal sistema ta' monitoraġġ bi statistika tal-kummerċ tat-tonn aħmar (Thunnus thynnus) fi ħdan il-Komunità ([1]). Biex jiġi żgurat li d-disposizzjonijiet dwar dokumenti ta' statistika jkunu jinqraw aħjar u applikati bl-istess mod, ir-Regolament (KE) Nru 858/94 għandu jiġi mħassar u d-disposizzjonijiet relevanti kollha jinġabru flimkien taħt dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lil-Kummisjoni ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Għan

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli u kondizzjonijiet ġenerali dwar l-applikazzjoni mill-Komunità ta':

(a) il-programmi dwar dokumenti ta' statistika għat-►M1 ——————— ◄ pixxispad (Xiphias gladius) u tonn alalunga (Thunnus obesus) adottat mill-"ICCAT";

(b) il-programm dwar dokumentat ta' statistika għat-tonn alalunga (Thunnus obesus) adottat mill-"IOTC".

Artikolu 2

Ambitu

Dan ir-Regolament għandu japplika għat- ►M1 ——————— ◄ pixxispad u tonn alalunga kif imsemmija fl-Artikolu 1:

(a) maqbuda minn bastiment jew produttur tal-Komunità, jew

(b) impurtati fil-Komunità, jew

(ċ) esportati jew ri-esportati mill-Komunità għal pajjiż terz.

Dan ir-Regolament m'għandux japplika għat-tonn alalunga maqbud minn dawk li jistadu bit-tartarun jew minn dgħajjes tal-lixka l-aktar għall-industrija tal-priservazzjoni fil-laned fiż-żoni li għalihom japplika l-Ftehim għall-istabbiliment tal-Kummissjoni għat-Tonn ta' l-Oċean Indjan (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim IOTC") u l-Konvenzjoni ICCAT.

([1]) ĠU L 99, tad-19.04.1994, pġ. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1446/1999 (ĠU L 167, 02.07.1999, pġ. 1).
([2]) ĠU L 184, tas-17.07.1999, pġ. 23.

▼B

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

▼M1

_____

▼B

(b) pixxispad: ħut ta' l-ispeċi Xiphias gladius li qiegħed fil-kodiċijiet TARIC elenkati fl-ANNESS II;

(ċ) tonn alalunga: ħut ta' l-ispeċi Thunnus obesus li qiegħed fil-kodiċijiet TARIC fl-Anness III;

(d) sajd: qbid min bastiment bil-ħsieb li jitniżżel l-art, għal trasbord jew biex jitqiegħed f'gaġġa jew minn produttur bl-użu ta' xibka bħala nassa, ta' ħut ta' wieħed mill-ispeċi elenkati fl-Artikolu 1;

(e) produttur tal-Komunità: persuni naturali jew entitajiet ġuridiċi li jużaw il-mezzi ta' produzzjoni biex jiksbu prodotti ta' ħut bl-għan ta' marketing ta' l-ewwel stadju;

(f) importazzjoni: il-proċeduri doganali msemmijin fl-Artikolu 4, punti 16(a) sa 16(f), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]).

KAPITOLU 2

MONITORAĠĠ

Taqsima 1

Ħtiġijiet għal Stati Membri dwar importazzjonijiet

Artikolu 4

Dokument ta' statistika dwar importazzjoni

1. Il-kwantitajiet kollha ta' ħut ta' wieħed mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 impurtati minn pajjiż terz lejn it-territorju tal-Komunità għandu jkun hemm magħhom dokument ta' statistika mfassal skond il-kampjun li jidher fi:

▼M1

_____

▼B

— l-Anness V fil-każ tal-pixxispad,

— l-Anness VI jew l-Anness VII fil-każ tat-tonn alalunga.

2. Dokument ta' statistika għandu:

(a) jkun fih l-informazzjoni kollha fl-Annessi rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 u l-firem kollha meħtieġa mill-operaturi approprjati, li għandhom ikunu responsabbli għad-dikjarazzjonijiet li jkun hemm fihom:

(b) ikun validat:

(i) meta s-sajd ikun sar minn bastiment: minn impjegat ċivili debitament approvat mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment li jkun wettaq is-sajd jew minn xi persuna oħra jew istituzzjoni

([1]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, pġ. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 (ĠU L 311, tat-12.12.2000, pġ. 17).

▼B

debitament approvat mill-Istat. Fil-każ tal-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness IVb, il-validazzjoni tista' ssir minn istituzzjoni magħrufa għal dak l-iskop minn dak il-pajjiż;

(ii) meta s-sajd ikun sar bl-użu ta' xibka bħala nassa: minn impjegat ċivili debitament approvat mill-Istat li l-qabda saret fl-ibħra territorjali tiegħu;

(iii) fil-każ ta' pixxispad, ►M1 ——————— ◄ u tonn alalunga maqbud minn bastiment mikri bi ftehim: minn impjegat ċivili jew kull persuna jew istituzzjoni oħra debitament approvata mill-Istat li qed jesporta;

(iv) fil-każ ta' tonn alalunga maqbud minn wieħed mill-bastimenti elenkati fl-Annessi VIIIa u VIIIb: minn xi uffiċjal tal-gvern Ġappuniż jew tat-Taiwan jew minn kull persuna oħra approvata għal dak l-għan mill-Gvernijiet ta' dawk il-pajjiżi.

3. Id-dokument ta' statistika għandu jingħata lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru li fih ikun ġie impurtat il-prodott.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tad-dwana jew xi aġenti oħra kompetenti tagħhom jitolbu u jeżaminaw id-dokumenti kollha, inkluż id-dokument ta' statistika, dwar importazzjonijiet ta' ħut li jkun wieħed mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1.

Dawk l-awtoritajiet jistgħu ukoll jeżaminaw il-korrettezza ta' l-informazzjoni li jkun hemm f'dawk id-dokumenti.

5. L-importazzjoni ta' xi ħut mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun projbita meta t-tagħbija konċernata ma' jkunx hemm magħha d-dokument ta' statistika dwar l-importazzjoni in kwistjoni, validat u kompletat skond il-paragrafi 1 u 2.

Taqsima 2

Ħtiġijiet minn Stati membri dwar esportazzjonijiet

Artikolu 5

Dokument ta' statistika dwar esportazzjoni

1. Il-kwantitajiet kollha ta' ħut ta' wieħed mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 maqbuda minn bastiment tal-Komunità jew meħuda minn produttur tal-Komunità għandu jkun hemm magħhom dokument ta' statistika mfassal skond il-kampjun fi:

▼M1

———————

▼B

— l-Anness V fil-każ ta' pixxispad;

— l-Anness VI jew l-Anness VII fil-każ ta' tonn alalunga.

2. Dokument ta' statistika għandu:

(a) ikun fih l-informazzjoni kollha speċifikata fl-Annessi rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 u l-firem kollha meħtieġa mill-operaturi approprjati, li għandhom ikunu responsabbli għad-dikjarazzjonijiet li jkun hemm fihom:

(b) ikun validat minn:

(i) l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera

▼B

(ii) l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor li fih jitniżżlu l-prodotti, sakemm il-kwantitajiet korrispondenti jkunu esportati 'l barra mill-Komunità mit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Dan ta' l-aħħar għandu jibgħat kopja validata tad-dokument ta' statistika lill-Istat Membru tal-bandiera fi żmien xahrejn.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tad-dwana jew l-aġenti uffiċjali kompetenti tagħhom jitolbu u jeżaminaw id-dokumenti kollha, inkluż id-dokument ta' statistika, għall-esportazzjonijiet kollha ta' ħut ta' xi wieħed mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1.

Dawn l-awtoritajiet jistgħu ukoll jeżaminaw il-kontenut ta' kull tagħbija biex jivverifikaw il-korrettezza ta' l-informazzjoni li jkun hemm f'dawn id-dokumenti.

4. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tiegħu msemmija fil-paragrafu 2(b). Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

5. L-esportazzjoni ta' ħut ta' xi wieħed mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun projbita meta t-tagħbija konċernata ma jkunx hemm magħha d-dokument ta' statistika għall-esportazzjoni rilevanti, validat u kompletat skond il-paragrafi 1 u 2.

Taqsima 3

Ħtiġijiet mill-Istati Membri dwar ri-esportazzjonijiet

Artikolu 6

Ċertifikati ta' ri-esportazzjoni

1. Ċertifikat ta' ri-esportazzjoni għandu jkun disponibbli mal-kwantitajiet kollha ta' ħut ta' xi wieħed mill-ispeċi msemmijin fl-Artikolu 1 li jkunu:

(a) ri-esportati mill-Komunità lejn pajjiż terz wara li jkun ġie impurtat fil-Komunità; jew

(b) impurtati fit-territorju tal-Komunità minn pajjiż terz wara li jkunu ġew ri-esportati minn dak il-

pajjiż terz.Ċertifikati ta' ri-esportazzjoni għandhom jitfasslu skond il-kampjun li jidher

▼M1

_____

▼B

(b) fl-Anness X fil-każ ta' pixxispad;

(ċ) fl-Anness XI jew l-Anness XII fil-każ ta' tonn alalunga.

2. Iċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni:

(a) għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha speċifikata fl-Annessi rilevanti msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 u l-firem kollha meħtieġa mill-operaturi approprjati, li għandhom ikunu responsabbli għad-dikjarazzjonijiet li jkun hemm fihom;

(b) għandhom ikunu validati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li minnu tkun se ssir ir-ri-esportazzjoni jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li minnu tkun saret ir-ri-esportazzjoni;

(ċ) għandu jkun hemm magħhom kopja debitament validata tad-dokument ta' statistika għall-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4.

▼B

3. L-Istati Membri li jawtentikaw iċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni skond il-paragrafu 2(b) għandhom jitolbu lir-ri-esportaturi biex jipprovdu d-dokumenti meħtieġa li jiċċertifikaw li t-tagħbija ta' ħut ri-esportata tikkorrispondi għat-tagħbija ta' ħut li kienet oriġinarjament impurtata. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Istat tal-bandiera jew lill-Istat li jesporta, fuq talba, b'kopja taċ-ċertifikat.

4. Iċ-ċertifikat ta' ri-esportazzjoni għandu jingħata lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jimporta jew li jerġa' jesporta.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tad-dwana jew l-aġenti uffiċjali kompetenti tagħhom jitolbu u jeżaminaw id-dokumenti kollha, inkluż iċ-ċertifikat ta' ri-esportazzjoni, għar-riesportazzjoni ta' xi wieħed mill-ispeċi ta' ħut imsemmija fl-Artikolu 1.

Dawn l-awtoritajiet jistgħu ukoll jeżaminaw il-kontenut ta' kull tagħbija biex jivverifikaw il-korrettezza ta' l-informazzjoni li jkun hemm f'dawk id-dokumenti.

6. Ir-ri-esportazzjoni u l-importazzjoni wara r-ri-esportazzjoni ta' xi wieħed mill-ispeċi ta' ħut imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu projbiti meta t-tagħbija konċernata ma jkunx hemm magħha ċ-ċertifikat korrispondenti, validat u kompletat skond il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 7

Ri-esportazzjonijiet ripetuti

1. Il-kwantitajiet kollha ta' xi wieħed mill-ispeċi ta' ħut imsemmija fl-Artikolu 1, ri-esportati wara li jkunu diġà ri-esportati, għandu jkolhom magħhom ċertifikat ġdid ta' ri-esportazzjoni, validat u kompletat skond l-Artikolu 6(1) u (2).

L-Artikolu 6(3), (4), (5) u (6) għandu japplika.

2. Iċ-ċertifikat ġdid imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun hemm miegħu kopja ċertifikata taċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni ta' qabel, debitament validati.

KAPITOLU 3

TRASMISSJONI TA' DATA

Artikolu 8

Informazzjoni dwar il-validazzjoni

Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 30 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament kampjun tad-dokumenti tiegħu ta' statistika u taċ-ċertifikati ta' ri-esportazzjoni. Għandu wkoll jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-validazzjoni u, fil-ħin xieraq, kull tibdiliet f'dawk id-dokumenti u ċertifikati, skond:

(a) il-kampjun ta' l-ICCAT li jidher fl-Anness XIII għat- ►M1 ——————— ◄ pixxispad u tonn alalunga;

(b) il-kampjun ta' l-IOTC li jidher fl-Anness XIV għat-tonn alalunga.

▼B

Artikolu 9

Trasmissjoni ta' data

1. L-Istati Membri li jimpurtaw, jesportaw jew jesportaw mill-ġdid ħut ta' xi wieħed mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' trasmissjoni bil-kompjuter qabel il-15 ta' Marzu għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel u qabel il-15 ta' Settembru għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju tas-sena kurrenti, rapport dwar:

(a) il-kwantitajiet ta' kull preżentazzjoni kummerċjali ta' ħut ta' xi wieħed mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 impurtati fit-territorju tagħhom, imqassma skond il-pajjiż terz ta' oriġini, il-post fejn saret il-qabda u t-tip ta' tagħmir tas-sajd użat;

(b) il-kwantitajiet ta' kull preżentazzjoni kummerċjali ta' ħut ta' xi wieħed mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 impurtati fit-territorju tagħhom wara li jkunu ġew ri-esportati minn pajjiż terz, imqassma skond il-pajjiż terz ta' oriġini, il-post fejn saret il-qabda u t-tip ta' tagħmir tas-sajd użat.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fih l-informazzjoni speċifikata fi:

▼M1

_____

▼B

(b) l-Anness XVI għall-pixxispad;

(ċ) l-Anness XVII jew l-Anness XVIII għat-tonn alalunga.

Artikolu 10

Rapport nazzjonali

Stati membri li jesportaw ħut ta' xi wieħed mill-ispeċi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiċċekkjaw li l-informazzjoni dwar importazzjonijiet trasmessa mill-Kummissjoni taqbel ma' l-informazzjoni tagħhom stess. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultat ta' dan l-iċċekkjar fir-rapport nazzjonali msemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001 tas-27 ta' Settembru 2001 li jippreskrivi miżuri ta' kontroll applikabbli għas-sajd ta' ċerti riservi ta' ħut li jiċċaqalqu ħafna minn post għal ieħor ([1]).

KAPITOLU 4

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 11

Emenda ta' l-Annessi

L-Annessi ta' hawn jistgħu jiġu emendati skond il-miżuri ta' konservazzjoni ta' l-ICCAT u l-IOTC li jsiru obbligatorji għall-Komunità u skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 12(2).

Artikolu 12

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat ta' Ġestjoni għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bl-Artikolu 30 tar-Regolament

([1]) ĠU L 263, 03.10.2001, pġ. 1.

▼B

tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi ta' ħut skond il-Politika Komuni tas-Sajd ([1]).

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 13

Thassir

1. Ir-Regolament (KE) Nru. 858/94 huwa hawnhekk imħassar.

2. Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu miftiehma bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' ekwivalenza li tidher fl-Annes XIX.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 358, tal-31.12.2002, pġ. 59.

▼M1

———————

▼B

ANNESS II

IL-PRODOTTI RIFERITI Fl-ARTIKOLU 3(b)

Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija meqjusa li hija biss indikattiva. Fil-kuntest ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw il-kodiċijiet tat-TARIC, kif ikunu jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament.

Il-Kodiċi tat-TARIC
0301 99 90 70
0302 69 87 00
0303 79 87 00
0304 10 38 70
0304 10 98 55
0304 20 87 00
0304 90 65 00
0305 20 00 19
0305 20 00 76
0305 20 00 77
0305 30 90 40
0305 49 80 20
0305 59 90 50
0305 69 90 50
1604 19 91 30
1604 19 98 20
1604 20 90 60

▼B

ANNESS III

IL-PRODOTTI RIFERITI Fl-ARTIKOLU 3(ċ)

Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija meqjusa li hija biss indikattiva. Fil-kuntest ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw il-kodiċijiet tat-TARIC, kif ikunu jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament.

Il-Kodiċi tat-TARIC
0301 99 90 75
0302 34 10 00
0302 34 90 00
0303 44 11 00
0303 44 13 00
0303 44 19 00
0303 44 90 00
0304 10 38 75
0304 10 98 65
0304 20 45 20
0304 90 97 75
0305 20 00 21
0305 20 00 78
0305 20 00 79
0305 30 90 75
0305 49 80 60
0305 59 90 45
0305 69 90 40
1604 14 11 30
1604 14 11 35
1604 14 16 30
1604 14 16 35
1604 14 18 30
1604 14 18 35
1604 20 70 40
1604 20 70 45

▼M1

———————

▼B

ANNESS IVb

Pajjiżi terzi kkonoxxuti mill-ICCAT li għalihom id-dokument statistiku jista' jiġi vvalidat minn istituzzjoni awtorizzata għal dan l-iskop, per eżempju minn kamra tal-kummerċ: L-Angola, il-Brażil, il-Kanada, il-Cape Verde, iċ-Ċina, il-Côte d'Ivoire, il-Kroazja, il-Ginea Ekwatorjali, il-Gabon, il-Ghana, il-Ginea Konakry, il-Ġappun, il-Korea, il-Libja, il-Marokk, ir-Russja, São Tomé u l-Príncipe, l-Afrika ta' Isfel, it-Tuneżija, l-Uruguay, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Venezuela.

▼B

ANNESS V

KAMPJUN TA' L-ICCAT TD-DOKUMENT TA' L-ISTATISTIKA TAL-PIXXISPAD

IN-NRU TAD-DOKUMENT	**ID-DOKUMENT TA' L-ICCAT TA' L-ISTATISTIKA TAL-PIXXISPAD**

IT-TAQSIMA TA' L-ESPORTAZZJONI

1. ILPAJJIŻ TAL-BANDIERA/L-ENTITÀ/L-ENTITÀ TAS-SAJD

2. IL-PUNT TA' L-ESPORTAZZJONI

IL-BELT **L-ISTAT JEW IL-PROVINĊJA** **IL-PAJJIŻ/L-ENTITÀ/L-ENTITÀ TAS-SAJD**

3. IŻ-ŻONA TAL-QABDA (iċċekkja wieħed minn dawn li ġejjin)

(a) L-Atlantiku tat-Tramuntana (b) L-Atlantku tan-Nofs in-Nhar(c) Il-Baħar Mediterran (d) L-Oċjan Paċifiku (e) L-Oċjan Indjan

Jekk jiġu ċċekkjati d-(d) jew l-(e), l-intestaturi 4 u 5 hawn taħt ma hemmx għalfejn jiġu mimlija

4. ID-DEKSRIZZJONI TAL-ĦUT:

It-Tip tal-prodott [a]		L-Isem tal-bastiment u n-Nru tar-Reġistrazzjoni	Il-Kodiċi tat-Tagħmir [b]	Il-Piż Nett (kg)
F/FR	RD/GG/DR/FL/OT			

[a] F = frisk, FR = iffriżat, RD = tond, GG = bil-garġi u l-imsaren imnehhija, DR = imħejji, FL = fîlet, OT = ohrajn (iddenota t-tip:----------).

[b] Meta l-kodiċi tat-tagħmir huwa OT, iddeskrivi t-tip tat-tagħmir:

5. IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-ESPORTATUR – Għall-esportazzjoni lejn il-pajjiżi li adottat id-daqs minimu possibbli ta' l-altenattiva ta' l-ICCAT għall-pixxispad, l-esportatur irid jiċċertifika illi l-pixxispad fil-lista ta' hawn fuq rigward il-pixxispad ta' l-Atlantiku huwa ikbar minn 15-il kg (33 lb) jew, jekk f'biċċiet, illi l-biċċiet kienu dderivati minn pixxispad ta' >15-il kg.

Jiena niċċertifika illi safejn naf jien it-tagħrif ta' hawn fuq huwa komplet, veru u korrett, u jiena nemmen f'dan.

L-Isem **L-Isem tal-Kumpanija** **L-Indirizz** **Id-Data tal-Firma** **In-Nru tal-Liċenza** (jekk tapplika)

6. IL-KONVALIDAZZJONI TAL-GVERN – *Jiena niċċertifika illi safejn naf jien it-tagħrif ta' hawn fuq huwa komplet, minnu u korrett, u nemmen dan.*

L-Isem u t-Titolu **Il-Firma** **Id-Data** **Is-Siġill tal-Gvern** **Il-Piż Nett (kg)**

IT-TAQSIMA TA' L-IMPORTAZZJONI

7. IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-IMPORTATUR – *jiena niċċertifika li safejn naf jien, it-tagħrif ta' hawn fuq huwa komplet, minnu u korrett, u nemmen f'dan.*

IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-IMPORTATUR (il-pajjiż intermedjarju/l-entità/ l-entità tas-sajd)

L-Isem **L-Indirizz** **Il-Firma** **Id-Data** **In-Nru tal-Liċenza** (jekk japplika)

IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-IMPORTATUR (il-pajjiż intermedjarju/l-entità/ l-entità tas-sajd)

L-Isem **L-Indirizz** **Il-Firma** **Id-Data** **In-Nru tal-Liċenza** (jekk japplika)

IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-IMPORTATUR (Id-Destinazzjoni finalitat-tagħbija tal-bastiment)

L-Isem **L-Indirizz** **Il-Firma** **Id-Data** **In-Nru tal-Liċenza** (jekk japplika)

Il-Punt Finali ta' l-importazzjoni:

Il-Belt:_____**:** **L-Istat jew il-provinċja:**_____ **Il-Pajjiż/l-Entità/l-Entità tas-Sajd:**_____

NOTA: JEKK JINTUĠA LSIEN IEĦOR GĦAJR L-INGLIŻ META TIMTELA DIN IL-FORMOLA, JEKK JOGĦĠBOK ŻID IT-TRADUZZJONI FL-INGLIŻ TA' DAN ID-DOKUMENT.

▼B

IL-FOLJA TA' L-ICCAT TA' L-ISTRUZZJONIJIET TAD-DOKUMENT TA' L-ISTATISTIKA TAL-PIXXISPAD

Skond ir-Rakkommandazzjoni ta' l-ICCAT tas-sena 2001, il-pixxispad importat ġewwa t-territorju ta' Pajjiż Kontraenti jew ma' l-ewwel dħul tiegħu ġewwa organizzazzjoni ekonomika reġjonali jrid jiġi akkumpanjat b'Dokument ta' l-ICCAT ta' l-Istatistika tal-Pixxispad (SWD) li jibda fl-1 ta' Jannar 2003. In-negozjanti tal-pixxispad li jesportaw jew jimportaw miż-żoni kollha tal-cosan iridu jiġu mehtieġa li jimlew it-taqsimiet approprjati kollha tal-SWD. Id-dokumenti ikkompletati u kkonvalidati biss iridu jiggarantixxu illi t-tagħbijiet tal-bastimenti bil-pixxispad iridu jitħallew jidħlu fit-territorju tad-dwana tal-Partijiet Kontraenti (p.e. il-Ġappun, il-Kanada, l-Istati Uniti, Spanja, eċċ.). It-tagħbijiet tal-pixxispad fuq il-bastimenti mhux iddokumenti kif jixraq (jiġifieri, il-SWD ikun jew nieqes mit-tagħbija tal-bastiment, mhux ikkompletat. invalidat jew iffalsifikat) irid jiġi kkunsidrat illeġittimu u kuntrarju għall-isforzi ta' l-ICCAT għall-konsrrvazzjoni. Id-dħul ta' pixxispad mhux iddokumentat kif jixraq irid jiġi sospiż (SAKEMM JIĠI RĊEVUT DOKUMENT MIMLI KIF JIXRAQ) fit-territorju tad-dwanta ta' Parti Kontraenti jew bla ħsara għal sanzjonijiet oħra amministrattivi.

Jekk jogħġbok uża l-istruzzjonijiet ta' hawn taħt bħala gwida għalbiex timla s-sezzjonijiet li japplikaw għall-validazzjoni ta' l-esportaturi, l-importaturi u l-Gvern. Jekk jintuża lsien ieħor għajr l-Ingliż għad-dekrizzjoni, jekk jogħġbok żid traduzzjoni bl-Ingliż jew fuq il-SWD, jew fuq karta separata. **Nota:** Jekk prodott mill-pixxispad jeġi esportat direttament mill-pajjiż/l-entità/l-entità s-sajd tal-qabda lejn Parti Kontraenti mingħajr ma jgħaddi minn pajjiż/entità/entità tas-sajd intermedji il-ħut kollu jista' jiġi identifikat fuq dokument wieħed. Madankolu jekk il-pixxispad jiġi esportat minn pajj/entità/entità tas-sajd intermedji (jiġifieri, pajjiż/entità/entità tas-sajd differenti mill-pajjiż/l-entità/l-entità tas-sajd ji jkunu d-destinazzjoni finali tal-prodott, iridu jiġu mħejjija dokumenti separati għall-ħut iddestinat għal destinazzjonijiet finali differenti, jew inkella tista' tiġi identifikata ħuta waħda biss fuq dokument għalbiex tlaħħaq ma' kull separazzjoni differenti f'pajjiż/entità/entità tas-sajd intermedji. L-importazzjoni ta' partijiet tal-pixxispad għajr il-laħam (jiġifieri, ir-ras, il-għajnejn, il-bajd, l-imsaren, id-dnub) jista' jitħalla jidħol minglad ma jakkumpajnah SWD.

IN-NRU TAD-DOKUMENT: Din il-kaxxa għall-pajjiż/entità/entità tas-sajd għalbiex tiddeżinja n-numru tad-dokumement tal-kodiċi ta' pajjiż.

(1) **IL-PAJJIŻ/L-ENTITÀ/L-ENTITÀ TAS-SAJD TAL-BANDIERA:** Imla l-isem tal-pajjiż/l-entità/l-entità tas-sajd tal-bastiment li jkun stad il-pixxispad li jkun fit-tagħbija tal-bastiment u ħarġu dan id-dokument. Skond ir-Rakkommandazzjoni ta' l-ICCAT, l-Istat tal-bandiera tal-bastiment biss li jkun stad il-pixxipad li jkun fit-tagħbija tal-bastiment jew, jekk il-bastiment ikun jaħdem fuq arranġament tal-kiri, l-Istat esportatur jistgħu joħorġu dan id-dokument.

(2) **IL-PUNT TA' L-ESPORTAZZJONI:** Imla l-belt u l-istat jew il-provinċja tal-pajjiż/entità/entità tas-sajd minn fejn kien esportat it-tonn.

(3) **IŻ-ŻONA TAL-QABDA:** Iċċekkja ż-żona tal-qabda. (Fil-każ li d-(d) u l-(e) ġew iċċekkjati, ma hemxx għalfejn jiġu kkompletati l-intestaturi 4 u 5).

(4) **ID-DESKRIZZJONI TAL-ĦUT:** L-esportatur irid jipprovdi, sa l-ogħla livell ta' eżattezza, it-tagħrif li ġej. (Nota: Filliera għandha tiddeskrivi tip wieħed ta' prodott.) (1) Il-Tip tal-Prodott: Identifika t-tip tal-prodott li jkun qiegħed jinġarr fuq il-bastiment jew bħala FRISK jew IFFRIŻAT, jew bħala BIL-GARĠI U L-IMSAREN IMNEĦĦIJA, IMĦEJJI, FILET, jew OĦRAJN. Rigward OĦRAJN, iddeskrivi t-tip tal-prodotti fit-tagħbija tal-bastiment. (2) L-Isem u n-Nru tar-Reġistrazzjoni tal-Bastiment: imla l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni (jekk disponibbli) tal-bastiment li jkun stad il-pixxispad. Jekk il-prodott fit-tagħbija tal-bastiment ikun iktar minn ta' bastiment wieħed, elenka l-bastimenti kollha li l-prodotti tagħhom inklużi fit-tagħbija tal-bastiment. (3) Il-Kodiċi tat-Tagħmir: Identifika t-tip tat-tagħmir li ntuża għalbiex jistad il-pixxispad billi tuża l-kodiċijiet elenkati.

(5) **Ċ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-ESPORTATUR:** Il-persuna jew il-kumpanija li jesportaw it-tagħbija tal-pixxispad iridu jipprovdu l-isem, il-firma u l-indirizz tagħhom u d-data li fiha ġiet esportata t-tagħbija tal-bastiment u l-liċenza tan-negozjant (jekk tapplika). Għall-pajjiżi li jkunu aċċettaw l-alternattiva ta' l-ICCAT tad-daqs minimu tal-pixxispad, l-esportatur irid jiċċertifika illi l-pixxispad ta' l-Atlantiku elenkat huwa ikbar minn 15-il kg (33 lb) jew, jekk f'biċċiet, illi l-biċċiet huma dderivati minn pixxispad li jiżen >_15-il kg.

(6) **IL-KONVALIDAZZJONI TAL-GVERN:** Imla l-isem u l-posizzjoni ta' l-uffiċjal li jiffirma d-dokument. L-uffiċjal irid ikun impjegat ta' l-awtorità kompetenti tal-Gvern ta' l-Istat tal-bandiera tal-bastiment li jkun stad il-pixxispad deskritt fid-dokument. Id-dokument jista' jiġi ffirmat minn kull persuna jew istituzzjoni akkreditati kif mistħoqq għal dan il-għan mill-uffiċjal tal-Gvern ta' l-Istat tal-bandiera jew, minn kull persuna jew istituzzjoni oħra awtorizzati mill-Istat esportatur (il-piż nett tat-tagħbija tal-bastiment irid jimtela wkoll f'kg f'din is-sessjoni).

(7) **IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-IPORTATUR:** Il-persuna jew il-kumnpanija li jesportaw il-pixxispad iridu jipprovdu l-isem, il-firma u l-indirizz tagħhom, id-data ta' meta kien importat il-pixxispad, in-numru tal-liċenza (jekk japplika), u l-punt finali tad-destinazzjoni. Dan jinkludi l-importazzjonijiet fil-pajjiż/entità/entità tas-sajd intermedji. Għall-ħut frisk u mkessaħ, il-firma ta' l-importatur tista' tiġi ssostitwita minn dik ta' pesuna ta' kumpanija tal-clerance mid-dwana meta l-awtorità tal-firma tkun akkreditata kif jixraq lill-kumpanija mill-importatur.

▼B

IL-KODIĊIJIET TAT-TAGĦMIR

Il-Kodiċi tat-Tagħmir	It-Tip tat-Tagħmir	Il-Lodiċi tat-Tagħmir	It-Tip tat-Tagħmir
BB	Dgħajsa tal-Lixka	SPHL	Ġarira ta' l-Id mhux għall-isport
GILL	Xibja ral-Garġi	SPOR	Sajd mhux ikklassifikat għall-isport
HAND	Karita ta' l-Id	SURF	Sajd mhux ikklassifikat għall-wiċċ
HARP	Foxxna	TL	Ħarita Mgħassa
LL	Ħarira Twila	TRAP	In-Nassa
MWT	Tkarkir ta' nofs l-ilma	TROL	Ir-Rixa
PS	Tartarun tal-borża	UNCL	Metodi mhux ikklassifikati
RR	Il-Qasba u r-Rukkell	OT	Tipi Ohrajn

Id-dokument oriġinali kkompletat irid jakkumpanja t-tagħbija tal-bastiment esportata. Żomm kopja għar-reġistri tiegħek. L-oriġinal (l-importazzjonijiet) jew il-kopja (l-esportazzjonijiet) iridu jingħataw il-bolla tal-posta jew jiġu mibgħuta bil-posta jew bil-fax fi żmien 24 siegħa mill-importazzjoni jew l-esportazzjoni lejn.....

▼B

ANNESS VI

IL-KAMPJUN TAD-DOKUMENT TA' L-ICCAT TA' L-ISTATISTIKA GĦAT-TONN TA' GĦAJNU KBIRA

<table>
<tr><td colspan="2">IN-NRU TAD-DOKUMENT:</td><td colspan="2">ID-DOKUMENT TA' L-ICCAT TA' L-ISTATISTIKA GĦAT-TONN TA' GĦAJNU KBIRA</td></tr>
<tr><td colspan="4">IT-TAQSIMA TA' L-ESPORTAZZJONI
1. IL-BANDIERA TAL-PAJJIŻ/L-ENTITÀ/L-ENTITÀ TAS-SAJD</td></tr>
<tr><td colspan="4">2. L-ISEM TAL-BASTIMENT U N-NRU TAR-REĠISTRAZZJONI (meta japplika)</td></tr>
<tr><td colspan="4">3. IN-NASES (jekk japplikaw)</td></tr>
<tr><td colspan="4">4. IL-PUNT TA' L-ESPORTAZZJONI (Il-Belt, l-Istat jew il-provinċja, il-pajjiż/l-entità/l-entità tas-sajd)</td></tr>
<tr><td colspan="4">5. IŻ-ŻONA TAL-QABDA (Iċċekkja wieħed minn dawn li ġejjin)
(a) L-Oċjan Atlantiku □ (b) L-Oċjan Paċifiku □ (c) L-Oċjan Indjan
Fil-każ li l-(b) jew iċ-(ċ) ikunu ċċekkjati, l-intestaturi 6 u 7 ta' hawn taħt m'hemmx għalfejn jimtlew.</td></tr>
<tr><td colspan="4">6. ID-DESKRIZZJONI TAL-ĦUT</td></tr>
<tr><td colspan="2">It-Tip tal-Prodott (1)</td><td rowspan="2">It-Tip tat-Tagħmir (2)</td><td rowspan="2">Il-Piż Nett
(kg)</td></tr>
<tr><td>F/FR</td><td>RD/GG/DR/FL/OT</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="4">(1) F = frisk, FR = Iffriżat, RD = Tond, GG = Bil-garġi u l-imsaren imneħħija, DR = imħejji, FL = Filet,
OT = Oħrajn = iddeskrivi t-tip tal-prodott:
(2) Meta l-kodiċi tat-tagħmir ikun OT, iddeskrivi t-tip tat-tagħmir:</td></tr>
<tr><td colspan="4">7. IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-ESPORTATUR – Jiena niċċertifika li safejn naf jien it-tagħrif ta' hawn fuq huwa komplet, minnu u korrett, u nemmen dan.
L-Isem L-Isem tal-Kumpanija L-Indirizz Il-Firma Id-Data In-Nru tal-Liċenza (jekk japplika)</td></tr>
<tr><td colspan="4">8. IL-KONVALIDAZZJONI TAL-GVERN: Jiena nikkonvalida li safejn naf jien it-tagħrif ta' hawn fuq huwa komplet, minnu u korrett, u nemmen dan.
L-Isem u t-Titolu ta' l-Uffiċjal Il-Firma Id-Data Is-Siġill tal-Gvern</td></tr>
<tr><td colspan="4">IT-TAQSIMA TA' L-IMPORTAZZJONI
9. IĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-IMPORTATUR: Jiena niċċertifika illi, safejn naf jien, it-tagħrif ta' hawn fuq huma komplet, minnu u korrett, u nemmen dan.

IĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-IMPORTATUR: Il-Pajjiż/l-Entità/l-Entità tas-Sajd Intermedji)
L-Isem L-Indirizz Il-Firma Id-Data In-Nru tal-Liċenza
(jekk japplika)

IĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-IMPORTATUR: Il-Pajjiż/l-Entità/l-Entità tas-Sajd Intermedji)
L-Isem L-Indirizz Il-Firma Id-Data In-Nru tal-Liċenza
(jekk japplika)

IL-PUNT FINALI TA' L-IMPORTAZZJONI:
Il-Belt L-Istat jew il-provinċja Il-Pajjiż/l-Entità/l-Entità tas-Sajd</td></tr>
</table>

NOTA: JEKK JINTUŻA LSIEN IEĦOR GĦAJR L-INGLIŻ JEKK JOGĦĠBOK ŻID IT-TRADUZZJONI BL-INGLIŻ MA' DAN ID-DOKUMENT.

▼B

L-ISTRUZZJONIJIET

IN-NRU TAD-DOKUMENT: Il-kaxxa tal-pajjiż/l-entità/l-entità tas-sajd tal-ħruġ għalbiex tiddeżinja dokument ikkodifikat ta' pajjiż/entità/entità tas-sajd.

(1) **IL-PAJJIŻ/L-ENTITÀ/L-ENTITÀ TAS-SAJD TAL-BANDIERA:** Imla l-isem tal-pajjiż/l-entità/l-entità tas-sajd tal-bastiment li stad it-tonn ta' għajnu kbira fit-tagħbija tal-bastiment u li ħarġu d-dokument. Skond ir-Rakkommandazzjoni ta' l-ICCAT, l-Istat tal-bandiera tal-bastiment li stad it-tonn ta' għajnu kbira fit-tgħbija tal-bastiment biss jew, jekk il-bastiment ikun jaħdem taħt arranġament ta' kirja, l-Istat ta' l-esportazzjoni jista' joħroġ dan id-dokument.

(2) **L-ISEM TAL-BASTIMENT U N-NRU TAR-REĠISTRAZZJONI (meta disponibbli):** Imla l-isem u n-nu tar-reġistrazzjoni tal-bastiment li jkun stad it-tonn ta' għajnu kbira fit-tagħbija tal-bastment.

(3) **IN-NASES (jekk japplikaw):** Imla l-isem tan-nassa li tkun stadet it-tonn ta' għajnu kbira fit-tagħbija tal-bastiment.

(4) **IL-PUNT TA' L-ESPORTAZZJONI:** Identifika l-belt, l-istat jew il-provinċja, u l-pajjiż/l-entità/l-entità tas-sajd li minnhom kien esportat it-tonn ta' għajnu kbira.

(5) **IŻ-ŻONA TAL-QABDA:** Iċċekkja ż-żona tal-qabda (jekk jiġu ċċekkjati l-(b) u ċ-(ċ), l-intestaturi 6 u ta' hawn taħt ma għandhomx għalfejn jimtlew.)

(6) **ID-DESKRIZZJONI TAL-ĦUT:** L-esportatur irid jipprovdi, sa l-ogħla livell ta' l-eżattezza, it-tagħrif li ġej. Nota: filliera għandha tiddeskrivi tip wieħed tal-prodott fit-tagħbija tal-bastiment.

(1) It-Tip tal-Prodott: identifika t-tip tal-prodott li jkun qiegħed jinġarr fit-tagħbija tal-bastiment bħala FRISK jew IFFRIŻAT, u fil-għamla ta' TOND, BIL-GARĠI U L-IMSAREN MNEĦĦIJA, IMĦEJJI, FILET, jew għamliet OĦRAJN. Għall-OĦRAJN,

(2) Il-Kodiċi tat-Tagħmir: identifika t-tip tat-tagħmir li kien użat biex jistad it-tonn ta' għajnu kbira fil-lista ta' hawn taħt. Għal TIPI OĦRAJN, iddeskrivi t-tip tat-tagħmir inkluż it-tkabbir fil-farms.

(3) Il-Piż Nett f'kg.

(7) **IĊ-ĊERIFIKAZZJONI TA' L-ESPORTATUR:** Il-persuna jew il-kumpanija li jesportaw it-tagħbija tal-bastiment tat-tonn ta' għajnu kbira jridu jipprovdu l-isem, l-isem tal-kumpanija u l-indirizz tagħhom, id-data meta t-tagħbija tal-bastiment kienet esportata, u n-numru tal-liċenza tan-negozjant (jekk japplika).

(8) **IL-KONVALIDAZZJONI TAL-GVERN:** Imla l-isem u t-titolu sħiħ ta' l-uffiċjal li jiffirma d-dokument. L-uffiċjal irid ikun impjagat minn-awtorità kompetenti tal-Gvern ta' l-Istat tal-bandiera tal-bastiment li jkun stad it-tonn ta' għajnu kbira li jidher fuq id-dokument, jew individju jew istituzzjoni oħra awtorizzati mill-Istat tal-bandiera. Meta approprjat, din il-ħtieġa tiġi rrinunzjata għaliha skond il-validazzjoni tad-dokument minn uffiċjal tal-Gvern, jew, jekk il-bastiment ikun jaħdem taħt arranġament ta' kirja, minn uffiċjal jew minn individwu awtorizzat jew istituzzjoni awtorizzata ta' l-Istat esportatur. Il-piż totali tat-tagħbija tal-bastiment trid ukoll tiġi speċifikata f'din il-kaxxa. Il-miżura sostinenzali deskritta fil-paragrafi A-D tar-Riżoluzzjoni ta' l-ICCAT li tirrigwarda l-Validazzjoni minn Uffiċjal tal-Gvern tad-Dokument ta' l-Istatistika tat-Tonn ta' Għajnu Kbira, adottat mill-Kummissjoni fis-sena 1993, tista' tiġi applikata lill-ħtiġiet ta' hawn fuq għall-validazzjonijiet tal-Programm tad-Dokument ta' l-Istatistika tat-Tonn ta' Għajnu Kbira.

(9) **IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-IMPORTATUR:** Il-persuna jew il-kumpanija li jimportaw it-tonn ta' għajnu kbira jridu jipprovdu l-isem, l-indirizz u l-firma tagħhom, id-data meta ġie importat it-tonn ta' għajnu kbira, in-numru tal-liċenza (jekk japplika) u l-punt finali ta' l-importazzjoni. Dan jinkludi l-importazzjonijiet fil-pajjiżi, l-entitajiet u l-entitajiet tas-sajd intermedji. Għall-produzzjoni friska u mkessħa, il-firma ta' l-importatur tista' tiġi ssostitwita minn persuna ta' kumpanija tal-clerance mid-dwana meta l-awtorità għall-firma tkun akkreditata kif jixraq lilha mill-importatur.

▼B

IL-KODIĊIJIET TAT-TAGĦMIR:

Il-Kodiċi	**It-Tip tat-Tagħmir**	**Il-Kodiċi**	**It-Tip tat-Tagħmir**
BB	Dgħajsa tal-Lixka	SPOR	Sajd Mhux Ikklassifikat għall-Isport
GILL	Xibka tal-Garġi	SURF	Sajd għall-Wiċċ mhux ikklassifikat
HAND	Ħajta ta' l-Id	TL	Ħajta Mgħassa
HARP	Foxxna	TRAP	Nassa
LL	Ħajta Twila	TROL	Ir-Rixa
MWT	Tkarkir ta' Nofs l-Ilma	UNCL	Metodi Mhux Speċifikati
PS	Tkarkir bil-Borża	OT	Tipi Oħra
RR	Il-Qasba u r-Rukkell		
SPHL	Il-Ħarira ta' l-Id għall-Isport		

AGĦTI LURA KOPJA TAD-DOKUMENT IKKOMPLETAT LIL: (l-isem ta' l-ffiċċju ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat tal-Bandiera.

▼B

ANNESS VII

IL-KAMPJUN TAD-DOKUMENT TA' L-ISTATISTIKA TAT-TONN TA' GĦAJNU KBIRA TA' L-IOTC

IN-NRU TAD-DOKUMENT	**ID-DOKUMENT TA' L-ISTATISTIKA TAT-TONN TA' GĦAJNU KBIRA TA' L-IOTC**

IT-TAQSIMA TA' L-ESPOTAZZJONI

1. IL-PAJJIŻ/L-ENTITÀ/L-ENTITÀ TAS-SAJD TAL-BANDIERA

2. L-ISEM TAL-BASTIMENT U N-NRU TAR-REĠISTRAZZJONI (Meta disponibbli)

3. IN-NASES (jekk japplikaw)

4. IL-PUNT TA' L-ESPORTAZZJONI (Il-belt, l-Istat/il-provinċja, il-pajjiż/l-entità/l-entità tas-sajd)

5. IŻ-ŻONA TAL-QABDA (Iċċekkja wieħed minn dawn li ġejjin)
(a) L-Oċjan Atlantiku (b) L-Oċjan Paċifiku (c) L-Oċjan Indjan
Fil-każ li l-(b) jew iċ-(ċ) ikunu ċċekkjati, l-intestaturi 6 u 7 ma għandhomx għalfejn jimtlew.

6. ID-DESKRIZZJONI TAL-ĦUT

It-Tip tal-prodott (1)		Il-Kodiċi tat-Tagħmir (2)	Il-Piż Nett (kg)
F/FR	RD/GG/DR/FL/OT		

(1) F = Frisk, FR = Iffriżat, RD = Tond, GG = Bil-garġi u l-imsaren Mnehhija, DR = Imhejji, FL = Filet, OT = Oħrajn, iddeskrivi t-tip tal-prodott.
(2) Meta l-kodiċi tat-tagħmir ikun OT, iddeskribi t-tip tat-tagħmir:

7. IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-ESPORTATUR – *Jiena niċċertifika li sa fejn naf jien it-tagħrif ta' hawn fuq huwa komplet, minnu u korrett u nemmen dan.*

L-Isem **L-Isem tal-Kumpanija** **L-Indirizz** **Il-Firma** **Id-Data** **In-Nru tal-Liċenza (jekk japplika)**

